# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1552/98**

**Numru 30**

**Pawlu, Guido u Febronia ahwa Scerri**

**vs**

**Marlene Conti u David Christian Thompson**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati (jew minn minnhom) li jhallsu lill-istanti s-somma ta' Lm378 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi) danni in segwitu ghal incident stradali li gara l-Qawra fl-10.12.97 bejn car nru IBB 875 misjuqa mill-konvenuta Marlene Conti u car nru KAO 837 misjuqa mill-konvenut David Christian Thompson u li b'rizultat tieghu saret hsara lill-proprjeta' tal-istanti. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti (jew min minnhom) kienu responsabbli ghall-incident u danni. Bl-ispejjes komprizi Lm10.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tas-

27.02.98 (b'zewg notifiki), notifika bil-purtier lill-konvenut Thompson u rikors ghan-notifika tal-affissjoni tal-konvenut Thompson. Bl-imghax minn notififa tal-avviz kontra l-konvenuti (jew min minhhom) li gew ingunti ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes ukoll ta' ittra ufficjali lill-assikuratur ta' Marlene Conti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marlene Conti (a fol 2 tal-atti) li biha eccepiet (a fol 2 tal-atti):

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjent Marlene Conti, izda gara unikament tort u htija tal-konvenut l-iehor David Christian Thompson, li kontra tieghu gia giet ippresentata citazzjoni (Cit 415/98NA) mis-socjeta' assikuratrici tal-eccipjenti, liema kawza ghandha tissoprassjedi fuq din il-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol 15 tal-atti b'referenza ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 1999 minn fejn jidher li l-konvenut, David Christian Thompson, kien ser jikkontesta t-talba attrici u inghata terminu ta' ghoxrin gurnata sabiex jippresenta nota ta' eccezzjonijiet bil-miktub, kif ukoll dak a fol 21 ibid

b'referenza ghas-seduta tal-25 ta' Mejju 1999 minn fejn jidher li l-istess konvenut ma ippresentax l-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet (ara ukoll fol 22 u 27 ibid).

Rat ukoll dak verbalizzat a fol 27 u 28 in rigward it-talba ghas-soprasessjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2000 (fol 28 ibid) minn fejn jidher li fil-mori tal-kawa mietet l-attrici Febronia Xerri waqt li l-atturi superstiti assumew l-atti tal-kawza minflokha.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, talvolta t-talba ghas-soprasessjoni ta' din il-Qorti risultanti min-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta giet sorpriza (ara fol 28 ibid), l-istess Qorti ser tipprocedi sabiex tiddeciedi dan il-kaz. Pero' jinghad "obiter" li ma jidhirx li l-atturi odjerni huma partijiet fil-kawza citata fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut (fol 2 tal-atti) bejn is-socjeta' assikuratrici tal-istess konvenuta u l-konvenut l-iehor.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-meritu xehed l-attur Pawlu Scerri (fol 24 et seq ibid) li spjega li l-ghada tal-incident imsemmi fl-avviz, kien gie informat li, matul il-lejl, kien sehh l-imsemmi incident stradali li kien jinvolvi zewg vetturi, misjuqa mill-konvenuti. Bhala konsegwenza ta' dan wahda mill-vetturi misjuqa mill-konvenuta, baqghet diehla fil-faccata tal-parapett tal-fond "Michael", Coast Road, Qawra, propjeta' tal-atturi. L-istess attur ikkonferma id-dokumenti esebiti in atti a fol 17 sa 20 minn fejn jidher li d-danni involuti jammontaw ghal Lm378.

Illi xehdet ukoll, il-konvenuta Marlene Conti (fol 30 u 31 tal-atti). Din irrankontat li kif waslet vicin Lukanda imsemmija fix-xhieda taghha, hi semghet "hoss ta' brejk qawwi ....... (u) hadt daqqa minn wara". Bhala konsegwenza, il-karozza misjuqa minnha daret u baqghet diehla fl-imsemmi parapett. In rigward il-vettura l-ohra involuta misjuqa mill-konvenut, kien hemm sitt subien.

Ikkunsidrat

Illi, matul dawn il-proceduri gew prodotti biss, il-provi hemm fuq sintetizzati u minnhom jidher evidenti li l-incident gie kagunat minhabba sewqan negligenti da parti tal-konvenut David Christian Thompson u minghajr ebda "culpa" da parti tal-konvenuta, Marlene Conti. Ghalhekk ir-responsabilta

legali ghall-istess incident trid tigi akkollata kollha kemm hi lill-istess konvenut li ma spjegax ghaliex ried jikkontesta t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tilqa l-eccezzonijiet sottomessi mill-konvenuta dwar ir-responsabbilta ghall-istess incident tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut David Christian Thompson biss u:

1. tiddikjara lill-konvenut David Christian Thompson bhala unikament responsabbli  ghall-incident stradali in esami;

2.  tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm378 u;

3. tikkundanna lill-istess konvenut David Christian Thompson sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm378 bl-imghax legali mid-9 ta' Novembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10.50 ta' ittra u konsult dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar 1998, ta' dik imsemmija fl-avviz lill-assikuraturi tal-konvenuta kif ukoll tan-notifiki u rikors imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg